MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru 549/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Mark Debattista**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mark Debattista ta’ 31 sena, iben John u Rose xebba Delia, imwieled l-Awstralja nhar is-7 ta’ Marzu 1982 u residenti gewwa Romar, Triq il-Merhba, Fgura u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 304898(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-26 ta’ Mejju 2013 ghall-habta ta’ 22:00pm gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Nikolaos Pavlos Fitos f’periklu car, ikkaguna lill istess

Nikolaos Pavlos Fitos hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi.

2. U aktar talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi hebb kontra Nikolaos Pavlos Fitos sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

3. U aktra talli talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, f’kaz ta’ htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Nikolaos Pavlos Fitos u/jew ta’ persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza u/jew minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza billi tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta’ dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni. Rat partikolarment il-verbal tal-partijiet fejn stqarru li kien hemm qbil bejniethom li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi fis-sottomissjonijiet finali l-partijiet ghamlu referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni, ghall-ammissjoni bikrija tal-hati, ghall-fedina penali

nettissima tal-hati (u li allura ghandu jitqies bhala *a first time offender*) kif ukoll ghac-cirkostanza partikolari li wasslet ghall-dan il-kaz u cioe li l-hati ghaddej minn diffikultajiet emozzjonali, qed ihossu dipressat, u sfortunatament kien qed jixrob meta kien ghaddej minn dan kollu. Id-difensur tal-hati rrimarka wkoll illi dan kollu ma jiggustifikax il-vjolenza izda kien moment sfortunat fil-hajja tieghu tali li, bl-ammissjoni tieghu, il-hati qed jaccetta minghajr rizervi, ir-responsabbilta` ta` ghemilu skond il-ligi; jirrimarka wkoll li l-hati ddispjacieh tal-ghemil tieghu kif jirrizulta mill-istqarrija moghtija lill-pulizija. Stqarr ukoll illi fic-cirkostanzi, il-hati jilqa kull ghajnuna li jista jinghata sabiex jeghleb id-diffikultajiet emozzjonali li ghaddej minnhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena u li kwalunkwe forma ta` qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-potenzjali piena u/jew sanzjoni, ma torbotx lill-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun hi li tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, hekk ghamlet. Qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa wiehed serju hafna, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` reat ta` ferita gravi jkun jimmerita li jigi karcerat b’mod effettiv. Fid-dawl ta` dan pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li s-sorveljanza tal-hati minn ufficjal tal-probation u skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi huwa mixtieq u adatt.

**Ghall-dawn il-mottivi**, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 u 217, 339(1)(d), 338(dd) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Mark Debattista hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Nikolaos Pavlos Fitos, il-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elfejn Euro (€2000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 7(7) tal-Kap 446.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------